MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF
TONIO MALLIA**

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2012

Appell Civili Numru. 546/2011/1

**Mary Buhagiar maghrufa bhala Mariella Bose Buhagiar**

**v.**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti:**

Illi din hija decizjoni marbuta mal-validita` tal-appell peress li qed jigi sottomess li tressaq *fuori termine*.

Gara li fl-udjenza tad-19 ta' Ottubru, 2011, quddiem l-ewwel Qorti (il-Prim' Awla tal-Qorti Civili) gie ivverbalizzat li l-kawza setghet tithalla ghas-sentenza bil-partijiet jaqblu "li t-terminu tal-appell jigi akkorcjat ghal gurnata". L-ewwel Qorti tat is-sentenza taghha fil-21 ta' Ottubru, 2011, laqghet it-talbiet attrici u akkorcjat it-terminu tal-appell ghal gurnata.

Ma gie pprezentat ebda appell fit-terminu hekk akkorcjat.

Wara li skada dan it-terminu, il-konvenut talab lill-Qorti tirrevoka dak il-provvediment li bih akkorcjat it-terminu, u l-ewwel Qorti laqghet it-talba. Il-konvenut ipprezenta l-appell tieghu fl-10 ta' Novembru, 2011.

Din il-Qorti tara li l-ewwel Qorti ma setghetx tirrevoka l-akkorcjament tat-terminu li ghamlet fis-sentenza tal-21 ta' Ottubru, 2011, u dan ghal zewg ragunijiet principali:

(i) hu maghruf li verbal tal-partijiet registrat in atti ghandu l-istess forza ta' kuntratt, u jitqies bhala ftehim ghall-finijiet kollha tal-ligi; darba sar qbil li z-zmien ghall-appell ikun biss ta' gurnata, il-Qorti ma tistax tmur kontra dak il-ftehim minnha accettat. (ara **Borg et v. Portelli et**, deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-20 ta' Ottubru, 1982, u **Direttur Agrikoltura v. Galea**, deciza minn din il-Qorti fit-30 ta' Marzu, 1987);

(ii) darba li sal-iskadenza tat-terminu ta' gurnata impost mill-Qorti ma sar ebda appell u lanqas talba ghall-estensjoni, is-sentenza saret *res gudicata* li ma tistax aktar tintmess jekk mhux wara proceduri ta' ritrattazzjoni jekk ikun il-kaz; id-decizjoni tal-Qorti saret definittiva u finali jum wara li nghatat, u l-ewwel Qorti ma setghetx terga' tiftah il-kaz mill-gdid billi tbiddel it-terminu ghall-appell.

Il-konvenut jissottometti li l-akkorcjament tat-terminu huwa null, peress li t-talba ghal dan saret qabel ma nghatat is-sentenza meta skont l-Artikolu 243 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, talba f'dan is-sens tista' ssir biss wara l-qari tas-sentenza. Din il-Qorti ma

taqbilx ma' din is-sottomissjoni. Ghalkemm il-ligi tghid li tali talba tista' ssir wara li tigi moghtija s-sentenza, ma hux eskluz, u ma hemm xejn irregolari, li t-talba ssir qabel biex il-Qorti tikkonsidraha fis-sentenza taghha, kif gara f'dan il-kaz. Hekk kif gie geciz li talba ghall-hatra ta' periti perizjuri – li skont il-ligi tista' ssir fi zmien ghaxart ijiem mid-data tal-publikazzjoni tar-rapport tal-ewwel perit gudizzjarju – mhix nulla jekk tintalab qabel il-publikazzjoni (ara **Demarco v. Demarco**, deciza minn din il-Qorti fil-15 ta' Jannar, 1990), hekk ukoll din il-Qorti ma tista' tara ebda nullita` ghall-kaz li talba ghal tqassir taz-zmien ghall-appell issir qabel l-ghoti tas-sentenza – aktar u aktar meta ghal talba simili jkun hemm il-qbil jew l-adezzjoni tal-kontro parti.

Apparti dan, kif inghad, is-sentenza issa ghaddiet in gudikat, u din il-Qorti ma tistax tikkorregi allegat "zball" li seta' sar mill-ewwel Qorti, sakemm dan l-izball ma jkunx wiehed ta' kalkolu fis-sens tal-ligi.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tqis l-appell imressaq mill-appellant Direttur tar-Registru Pubbliku bhala null, u l-Qorti, ghalhekk, qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni tieghu.

L-ispejjez in prim istanza jibqghu kif decizi mill-ewwel Qorti, waqt li dawk ta' din it-tieni istanza jithallsu mill-konvenut appellant.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------